2.12 tilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ser tfittex li tiżgura li s-sehem tal-kooperattivi u intrapriżi oħra ta' ekonomija soċjali fl-iżvilupp tal-biedja jiġi sfruttat permezz ta' l-inizjattivi tal-Komunità;

2.13 jenfasizza li l-Kummissjoni u l-gvernijiet ta' l-Istati Membri għandhom jeżaminaw il-possibbiltà li jagħtu konċessjonijiet ta' taxxa lill-kooperattivi fuq skond kemm huma meħtieġa fuq livell reġjonali jew soċjali u fuq kemm essenzjalment iħarsu l-prinċipji ewlenija ta' fondazzjoni tal-kooperattivi: id-demokrazija, is-solidarjetà tal-membri, sew il-ħaddiema sew il-konsumaturi, u l-immaniġġjar dirett tagħhom ta' l-attivitajiet ta' imprenditorjalità;

2.14 jiġbed l-attenzjoni lejn l-opportunitajiet li l-kooperattivi joffru fir-rigward ta' l-iżvilupp ta' l-ekonomija lokali u forom ġodda innovattivi ta' impjieg fuq livell lokali u reġjonali;

2.15 iħajjar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu b'mod attiv l-istabbiliment ta' Ko-operattivi (b'mod partikolari Ko-operattivi tas-suq) fil-forom ġodda ta' l-agrikoltura u attivitajiet rurali, bħal biedja organika, akwakultura eċċ. Azzjonijiet jistgħu jinkludu taħriġ, faċilitazzjoni, parir legali, identifikazzjoni tal-parteċipanti, eċċ.

2.16 jinsisti mal-kunsilli lokali u r-reġjuni biex jagħtu konsiderazzjoni akbar lill-intrapriża b'forma ta' kooperattiva fil-politika industrijali tagħhom;

2.17 ifakkar li l-kooperattivi joffru opportunitajiet ġodda biex jitjib l-impieg, il-provvista tas-servizzi u r-riġenerazzjoni ekonomika f'zoni maqtugħa li jsofru min nuqqas ta' kapital.

Brussel, 16 ta' Ġunju 2004

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Peter STRAUB

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il- Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-użu aħħari ta' l-enerġija u s-servizzi ta' l-enerġija

(2004/C 318/06)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI,

Wara li kkunsidra l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-użu aħħari ta' l-enerġija u s-servizzi ta' l-enerġija (COM(2003) 739 finali – 2003/0300 (COD));

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Jannar 2004 li jikkonsultaħ dwar dan is-suġġett, skond l-Artikolu 175 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea;

Wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-President tal-Kumitat tal-4 ta' Novembru 2002 biex jinkariga lill-Kummissjoni dwar l-iŻvilupp Sostenibbli biex tabbozza opinjoni dwar dan is-suġġett;

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 t'April 2002 dwar l-approvazzjoni, għan-nom tal-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto anness mal-Framework Convention tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla Klimatika u l-osservanza konġunta tad-dmirijiet li saru taħtha (2002/358/KE) ([1]);

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar mekkaniżmu ta' sorveljanza ta' l-emissjonijiet tal-gass tas-serer u għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kyoto (280/2004/KE) ([2])

Wara li kkunsidra d-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku ([3]);

([1]) ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1
([2]) ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1
([3]) ĠU L 27, 30.1.1997, p. 20

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tiegħu tat-18 ta' Settembru 1997 dwar il-bidla klimatika u l-enerġija – KtR 104/1997 finali ([1]) - u l-Opinjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2002 dwar Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni, għan-nom tal-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto anness mal-Framework Convention tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla Klimatika u l-osservanza konġunta tad-dmirijiet assunti taħtha – CdR 458/2001 finali ([2]);

Wara li kkunsidra l-Opinjoni dwar il-Kominikazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità Ewropea "Ambjent 2010, il-futur tagħna, l-għażla tagħna" – is-sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali – Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi il-Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità 2001-2010, COM(2001) 31 finali – CdR 36/2001 finali ([3]);

BILLI:

1. żieda fl-effiċjenza fl-użu aħħari ta' l-enerġija hi essenzjali għall-ħarsien ta' l-ambjent, għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija u sabiex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fi Kyoto; l-iżvilupp ta' suq għall-effiċjenza fl-użu aħħari ta' l-enerġija u s-servizzi ta' l-enerġija tista' tagħti kontribuzzjoni importanti biex jintlaħaq dan l-għan;

2. l-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-Ewropa ilhom snin fir-rwol ta' pijunieri fil-kisba tat-tfaddil ta' l-enerġija, eż. permezz ta' l-użu ta' sorsi ta' l-enerġija li tiġġedded u bl-ittestjar ta' sistemi ta' l-enerġija intelliġenti;

3. bosta awtoritajiet reġjonali u lokali fl-Ewropa kkommettew infushom biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Protokoll ta' Kyoto;

4. għandu l-ewwel jkun hemm għarfien popolari tal-kunċett tat-tfaddil ta' l-enerġija; l-awtoritajiet reġjonali u lokali, bħala l-korpi politiċi l-aktar qrib tal-poplu, jistgħu jagħtu kontribut biex jintlaħaq dan l-għan u l-Unjoni Ewropea għandha tipprovdi l-libertà ta' azzjoni neċessarja f'dan ir-rigward;

WARA LI KKUNSIDRA l-abbozz ta' Opinjoni (CdR 92/2004 rev 1), adottat mill-Kummissjoni għall-iŻvilupp Sostenibbli tat-3 ta' Mejju 2004 (relatur: Is-Sur Sinner, Ministru tal-Bavarja għall-Affarijiet Ewropej u Relazzjonijiet Reġjonali (DE, EPP));

Adotta din l-opinjoni fis-sessjoni plenarja numru 55 tas-16 u s-17 ta' Ġunju (sessjoni tas-17 ta' Ġunju)

1. **X'jaħseb il-Kumitat tar-Reġjuni**

Il-Kumitat tar-Reġjuni

1.1 jikkondividi l-veduta tal-Kummissjoni tal-Komuntajiet Ewropej li ż-żieda fl-effiċjenza fl-użu aħħari ta' l-enerġija huwa għan ewlieni. Jilqa' b'approvazzjoni l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tgħin l-iżvilupp ta' suq fl-effiċjenza fl-użu aħħari ta' l-enerġija u s-servizzi ta' l-enerġija. Il-KtR ukoll jemmen li għandha tingħata spinta lil dan is-suq u b'hekk jitnaqqsu l-emissjonijiet u jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli;

1.2 jikkunsidra l-proposta għal direttiva bħala l-ewwel pass xieraq biex jinkisbu dawn l-għanijiet;

1.3 jagħti l-appoġġ mingħajr riservi għall-għan stabbilit tal-protezzjoni tal-klima u r-rispett għall-obligazzjoni li sserraħ magħha biex jitnaqqas il-konsum ta' l-enerġija. Fl-iStati Membri ta' l-UE, fir-reġjuni u fil-muniċipji, ġew introdotti varjetà ta' miżuri sabiex tintlaħaq din l-obbligazzjoni (ara, fost l-oħrajn, il-Liġi tat-Tfaddil ta' l-Enerġija adottata mill-Bunderstag Ġermaniż fl-1 t'April 2004). Dawn il-miżuri jinkludu l-isforzi li saru biex titjieb l-effiċjenza fl-enerġija fl-oqsma kollha tal-konsum ta' l-enerġija;

1.4 jadotta l-veduta li l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, miżuri biex jinkiseb it-tfaddil fl-enerġija mill-utent aħħari u t-twassil tas-servizzi ta' l-enerġija għandha taqbel mal-kuntest tas-swieq orjentati lejn il-kompetizzjoni; fl-istess waqt jisħaq il-prijorità li għandha tingħata lit-titjib tas-servizz pubbliku sabiex ikun jista' jkompli jassumi r-responsabilitajiet tiegħu fil-qasam tal-kwalità, tas-sigurtà u ta' l-aċċessibilità;

1.5 mhux kontra il-veduta li huwa meħtieġ qafas ta' kondizzjonijiet xieraq biex iwassal għal żieda sostanzjali fl-effiċjenza fl-użu aħħari ta' l-enerġija. L-aħjar mod biex jinkiseb dan il-għan huwa permezz ta' l-istimulazzjoni u ż-żieda fid-domanda għal teknoloġiji u proċeduri xierqa. Il-proposta li l-intrapriżi messhom, minflok, ikunu obbligati jipprovdu dawn is-servizzi, hija problematika. Intrapriżi ser ikollhom għalhekk jimplimentaw dawk it-teknoloġiji u proċeduri li jeżistu bħalissa li ħadd ma jkun obbligat jixtrihom u dan iwassal għal prezzijiet ogħla għall-utenti finali;

1.6 jikkonsidra li l-proposta għal direttiva jmur kontra l-prattika stabbilita f'dawk il-każijiet li fihom ma tagħtix każ ta' l-istrutturi fundamentali tas-suq intern ta' l-enerġija. Il-proposta għal Direttiva tobbliga lill-iStati Membri biex jiżguraw li l-bejjiegħa ta' l-enerġija u l-fornituri joffru lill-klijenti tagħhom, fis-setturi kollha ta' l-użu finali, is-servizzi ta' l-enerġija u l-miżuri ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija, b'xejn f'ċerti każijiet. F'suq miftuħ madanakollu hemm ftit ċans li tiġi kkontrollata l-fornitura. Barra minn hekk, l-operaturi tas-suq affetwati, bħalma huma l-kumpanniji ta' distribuzzjoni ta' l-enerġija unbundled u dawk li jbiegħu l-enerġija ġdida lis-suq, huma wisq differenti biex ikunu kollha suġġetti għal miżuri li huma l-istess jew komparabbli;

([1]) ĠU C 379, 15.12.1997, p. 11
([2]) ĠU C 192, 12.8.2002, p. 59
([3]) ĠU C 357, 14.12.2001, p. 44

1.7 iqis l-obbligazzjoni imposta fuq l-operaturi ta' networks biex joffru u jipprovdu s-servizzi ta' l-enerġija lill-klijent finali bħala ksur tad-direttiva dwar is-suq intern;

1.8 iqis it-twettiq ta' struttura uffiċjali ġdida b'xogħol ta' sorveljanza u verifika – li żgur ser jinvolvi spejjeż konsiderevoli – bħala li mhix adegwata biex tkun mezz biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu aħħari ta' l-enerġija u biex jiġi żviluppat suq għall-effiċjenza fl-użu aħħari ta' l-enerġija u l-miżuri u s-servizzi ta' l-enerġija. L-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw l-organizzazzjonijiet li diġà jeżistu biex jaqdu dawn id-dmirijiet. Skond il-proposta għal Direttiva, l-ispejjeż tal-miżuri meħuda biex jinkiseb il-livell meħtieġ tat-tfaddil ta' l-enerġija "m'għandux" jeċċedi l-benefiċċji tagħhom. Madanakollu, kif inhuma l-affarijiet, peress li mhux ċar kif ser titwettaq din l-analiżi bejn spiża u benefiċċju, din l-obbligazzjoni m'hi xejn aktar minn proposta, nieqsa minn kull tifsira prattika, bil-konsegwenza li l-ispejjeż jistgħu jogħlew sproporzjonatament meta mqabbla mal-benefiċċji. Jeżisti għalhekk il-periklu li l-provvedimenti ta' l-Artikolu 10b tal-proposta għal Direttiva, li permezz tagħhom ċertu spejjeż partikolari jistgħu jiġu nklużi fit-tariffi ta' distribuzzjoni, ser ipoġġu l-piż fuq l-utenti finali;

1.9 jinsab konvint li l-istipular ta' rata uniformi għal effiċjenza akbar b'1 % għall-Istati Membri m'għandux iwassal għal tgħawwiġ fil-kompetizzjoni, peress li Stati Membri li jkunu diġà laħqu livell għoli ta' effiċjenza jkunu jistgħu jiksbu aktar effiċjenza bi spiża relattivament għolja. Għandu jkun hemm garanzija li l-isforzi magħmluha mill-Istati Membri fil-passat ikunu kkunsidrati kif xieraq. Il-konsiderazzjoni ta' miżuri biex titfaddal l-enerġija, magħmulha mill-Istati Membri mill-1991 'l hawn u stipulata fl-Anness 1 tal-proposta għandha ssir b'tali mod li t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni jkun eskluż; barra minn hekk il-KtR jirrifjuta t-tqegħid ta' piż sproporzjonat fuq l-awtoritajiet pubbliċi u jitlob għal trattament ugwali fis-settur privat u pubbliku.

1.10 iqis li l-miżuri proposti, bħalma huma t-twettiq ta' għan uniformi tat-tfaddil ta' l-enerġija, il-ħolqien ta' burokraziji ġodda ta' ispezzjoni u t-twettiq ta' swieq mandatorji għas-servizzi ta' l-enerġija, jikkostitwixxu, minħabba l-iskop u l-intensità tagħhom, invażjoni b'dimensjonijiet wiesa' fuq il-policies ta' l-enerġija ta' l-iStati Membri.

Brussel, 17 ta' Ġunju 2004

2. **Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni**

Il-Kumitat tar-Reġjuni

2.1 jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-punti prinċipali f'din il-proposta għal Direttiva, li l-għan tagħha huwa tassew apprezzat. L-iskop tar-reviżjoni għandu fuq kollox ikun li d-domanda għas-servizzi ta' l-enerġija jiġi żviluppat u msaħħaħ aktar bl-għoti ta' informazzjoni, pariri u għajnuna. Dwar dan jagħti parir dwar kampanja Ewropea fuq skala kbira sabiex jikber l-għarfien dwar il-benefiċċji ambjentali ta' nuqqas ta' ħela ta' l-enerġija.

2.2 jitlob lill-Kummissjoni biex tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà billi tkompli tħalli f'idejn l-iStati Membri, ir-reġjuni u l-muniċipji, biex jawtorizzaw, jiċċertifikaw u jakkreditaw l-intrapriżi tas-servizzi ta' l-enerġija, jissorveljaw l-iskemi ta' verifika ta' l-enerġija u s-suq għas-servizzi ta' l-enerġija, iħejju programmi ta' effiċjenza ta' l-enerġija u jistabilixxu arranġamenti finanzjarji soġġetti għal sorveljanza pubblika;

2.3 jipproponi li l-grad ta' detall tal-provvedimenti jkun limitat għal dak il-livell li jkun kompatibbli ma' dak li kkomettiet ruħha l-Kummissjoni fejn jidħol it-tnaqqis tar-regolamentazzjoni, anqas burokrazija u simplifikazzjoni tal-proċeduri;

2.4 jistieden lill-Kummissjoni biex ma tpoġġix piż sproporzjonat fuq is-settur pubbliku rigward l-għan ta' tfaddil ta' l-enerġija. Kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat għandhom ikunu responsabbli t-tnejn li huma bl-istess mod għall-kontribuzzjoni fl-għan aħħari biex titjieb l-effiċjenza ta' l-enerġija;

2.5 josserva, li sabiex jinkiseb ir-rispett ta' l-obbligi stabbiliti fil-proposta għal Direttiva, tkun neċessarja l-introduzzjoni ta' miżuri ta' superviżjoni, ġbir ta' informazzjoni u tħejjija ta' rapport għall-Kummissjoni. Dan iwassal biex l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-intrapriżi ser ikollhom jingaġġaw impjegati ġodda – li ma kienux s'issa meħtieġa - eż. Għall-iskop ta' (a) ġbir u sottomissjoni ta' informazzjoni dwar konsumaturi finali li qabel ma kienitx relevanti (eż. Dwar iż-żejt li jintuża biex isaħħan) u (b) għall-marketing tas-servizzi ta' l-enerġija. Għandu jingħata kont ta' dawn il-kwistjonijiet u dawn għandhom jiġu imdaħħla fil-proposta;

2.6 ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-bżonn li l-proposta l-ġdida għal Direttiva tkun alineata ma' l-għanijiet tad-disposizzjonijiet legali kollha fil-qasam ta' l-enerġija u, b'mod partikolari ma' l-għanijiet tad-Direttiva dwar is-suq intern fl-enerġija.

Il-President

tal-Kumitat tar-Reġjuni

Peter STAUB